MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Numru. 23/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Firat Uveyik ta' 20 sena, iben Mustafa u Leyla Seba Karamese, imwieled f'Ankara fil-25/06/1992 u li joqghod temporanjament gewwa 'Surfside Flats' Blk 2, Flat 6, Triq it-Torri, Sliema, detentur tal-karta ta' identita nru: 421845**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Firat Uveyik u cioe` talli nhar it-8 ta' Jannar 2012 ghal habta t as-1.15am fi Triq San Gorg, San Giljan:

1) Ikkaguna hsara volontarja, hassa jew gharraq hwejjed haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` diversi

oggetti u hwejjeg, liema hsara ma tiskorrix ewro 1116.69 izda tiskorri l-ammont ta’ ewro116.47 ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta’ Malta u dan bi ksru tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2) Akkuzat ukoll fl-istess lok, hin u cirkostanzi irrifjutajt li taghti l-partikularitajiet lil xi ufficjal pubbliku jew lil wiehed inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel il-qadi ta’ dmirijietu.

3) Akkuzat ukoll li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u storbju jew glied.

4) Akkuzat ukoll li ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita jw ta’ wiehed li jkun inkarigat mis-servizz pubbliku jew ma halliex jew fixklu waqt il-qadi ta’ dmirijietu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess:

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak li ghamel u lest li jhallas id-danni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 325(1)(b), 338(g)(ee)(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Liberta taht kondizzjoni.

Finalment il-Qorti tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' erba' mija u erba' u tletin euro (€434) lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan fi zmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------